



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2021

L-infiq agrikolu tal-UE ma wassalx biex il-biedja ma tagħmilx aktar ħsara lill-klima

Skont rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-finanzjament agrikolu tal-UE maħsub għall-azzjoni klimatika ma kkontribwiex għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-biedja. Għalkemm aktar minn kwart tal-infiq agrikolu kollu tal-UE għall-perjodu 2014-2020 – aktar minn EUR 100 biljun – ġie allokat għat-tibdil fil-klima, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura ma naqsux mill-2010 'l hawn. Dan minħabba li l-biċċa l-kbira mill-miżuri appoġġati mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandhom potenzjal baxx ta' mitigazzjoni tal-klima, u l-PAK ma tinċentivax l-użu ta' Prattiki effettivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

"Ir-rwol tal-UE f'dak li jirrigwarda l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fi ħdan is-settur tal-agrikoltura huwa kruċjali minħabba li l-UE tistabbilixxi standards ambjentali u tikkofinanzja l-biċċa l-kbira mill-infiq agrikolu tal-Istati Membri", qal Viorel Ștefan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Aħna nistennew li s-sejbiet tagħna jkunu utli fil-kuntest tal-obiettiv tal-UE li ssir newtrali għall-klima sal-2050. Il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida għandu jkollha fokus akbar fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli, u tkun aktar responsabbli u trasparenti rigward il-kontribut tagħha għall-mitigazzjoni tal-klima".

L-awdituri eżaminaw jekk il-PAK 2014-2020 tatx appoġġ għall-prattiki ta' mitigazzjoni tal-klima bil-potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn tliet sorsi ewlenin: il-bhejjem, il-fertilizzanti kimiċi u d-demel, u l-użu tal-art (raba' u bwar). Huma analizzaw ukoll jekk il-PAK inċentivatx aħjar l-adozzjoni ta' Prattiki ta' mitigazzjoni effettivi fil-perjodu 2014-2020 milli għamlet fil-perjodu 2007-2013.

L-emissjonijiet mill-bhejjem jirrappreżentaw madwar nofs l-emissjonijiet mill-agrikoltura; dawn ma naqsux mill-2010 'l hawn. Dawn l-emissjonijiet huma marbuta direttament mad-daqs tal-merħla tal-bhejjem, u l-bhejjem tal-ifrat jikkawżaw żewġ terzi minnhom. Is-sehem tal-emissjonijiet attribwibbli għall-bhejjem ikompli jiżdied jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet mill-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

produzzjoni tal-għalf tal-annimali (inklużi l-importazzjonijiet). Madankollu, il-PAK ma għandhiex l-għan li tillimita l-għedud tal-bhejjem; lanqas ma tipprova inċentivi biex dawn jitnaqqsu. Il-miżuri tas-suq tal-PAK jinkludu l-promozzjoni ta' prodotti tal-annimali, li l-konsum tagħhom ma naqas mill-2014 'il hawn; dan jikkontribwixxi għaż-żamma tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar milli jnaqqashom.

L-emissjonijiet mill-fertilizzanti kimiċi u mid-demel, li jirrappreżentaw kważi terz tal-emissjonijiet agrikoli, żdiedu bejn l-2010 u l-2018. Il-PAK appoġġat Prattiki li jistgħu jnaqqsu l-użu tal-fertilizzanti, bħall-biedja organika u l-kultivazzjoni ta' legumi tal-qamħ. Madankollu, skont l-awdituri, dawn il-prattiki għandhom impatt mhux ċar fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Minflok, Prattiki li jidhru b'mod ċar li huma aktar effettivi, bħal metodi ta' biedja ta' preċiżjoni li twettaq taqbil tal-applikazzjonijiet tal-fertilizzanti mal-ħtiġijiet tal-għelejjel, ftit li xejn irċevew finanzjament.

Il-PAK tappoġġa Prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-klima, pereżempju billi tagħti pagamenti lill-bdiewa li jikkultivaw it-torbieri skulati, li jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-art agrikola tal-UE iżda li jemettu 20 % tal-gassijiet serra agrikoli tal-UE. Il-fondi għall-iżvilupp rurali setgħu ntużaw għar-restawr ta' dawn it-torbieri, iżda dan rarament seħħ. L-appoġġ taħt il-PAK għall-miżuri ta' sekwestru tal-karbonju bħat-tisgħir, l-agroforestrija u l-konverżjoni ta' raba', li jinħadem, fi bwar ma żdiedx meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013. Attwalment, id-dritt tal-UE ma japplikax il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura.

Fl-aħħar nett, l-awdituri josservaw li r-regoli tal-kundizzjonalità u l-miżuri ta' żvilupp rurali ftit li xejn inbidlu meta mqabbla mal-perjodu preċedenti, minkejja l-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE. Għalkemm l-iskema ta' ekoloġizzazzjoni suppost kellha ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-PAK, hija ma incentivatx lill-bdiewa biex jadottaw miżuri effettivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u l-impatt tagħha fuq il-klima kien biss marġinali.

Informazzjoni ġenerali

Il-produzzjoni tal-ikel hija responsabbli għal 26 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra, u l-biedja – b'mod partikolari s-settur tal-bhejjem – hija responsabbli għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-emissjonijiet.

Il-Politika Agrikola Komuni tal-UE għall-perjodu 2021-2027, li se tinvolvi madwar EUR 387 biljun f'finanzjament, attwalment qed tiġi nneozjata fil-livell tal-UE. Ladarba jintlaħaq qbil dwar ir-regoli l-ġodda, l-Istati Membri se jimplimentawhom permezz tal-“Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK” imfassla fil-livell nazzjonali u mmonitorjati mill-Kummissjoni Ewropea. Skont ir-regoli attwali, kull Stat Membru jiddeċiedi jekk is-settur tal-biedja tiegħu huwiex se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli jew le.

Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2021: *“Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu”* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju stampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502